

II

(Atti mhux legiżlatti)

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-8 ta' Novembru 2011

dwar il-konkluzzjoni, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim Internazzjonali dwar l-Injam Tropikali tal-2006

(2011/731/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 192 u 207 tiegħu, moqrija flimkien mal-Artikolu 218(6)(a) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew,

Billi:

- (1) Fis-27 ta' Jannar 2006 l-konferenza ta' negozjar stabbilita taħt il-patroċinju tal-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp (UNCTAD) approvat it-test tal-Ftehim Internazzjonali dwar l-Injam Tropikali tal-2006 (il-Ftehim tal-2006).
- (2) Il-Ftehim tal-2006 ġie nnegozjat biex jissostitwixxi l-Ftehim Internazzjonali dwar l-Injam Tropikali tal-1994 ("il-Ftehim tal-1994") kif estiż, li ser jibqa' fis-seħħ sad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim tal-2006.
- (3) Il-Ftehim tal-2006 infetaħ għall-iffirmar mit-3 ta' April 2006 u ser jibqa' hekk sa xahar wara d-dħul fis-seħħ finali tiegħu. Il-kunsens għar-rabta b'dak il-Ftehim għandu jiġi espress jew permezz tal-iffirmar definittiv jew permezz tar-ratifika, l-aċċettazzjoni, l-approvazzjoni jew l-ađeżjoni.
- (4) L-għanijiet tal-Ftehim tal-2006 huma konsistenti kemm mal-politika kummerċjali komuni kif ukoll mal-politika ambjentali.

- (5) Il-Komunità Ewropea kienet parti għall-Ftehim tal-1994. Il-Ftehim tal-2006 ser ikompli jippromwovi l-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli tal-Unjoni Ewropea.

- (6) Il-Komunità ffirmat il-Ftehim tal-2006 fit-2 ta' Novembru 2007. L-Istati Membri kollha esprimew l-intenzjoni tagħhom li jirratifikawh.

- (7) Peress li l-kontribuzzjonijiet obbligatorji mill-membri konsumaturi tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Injam Tropikali huma stmati prinċipalment f'termini tal-volum tal-injam tropikali li jimpurtaw, l-Unjoni ser tikkontribwixxi għall-Kont Amministrattiv tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Injam Tropikali, ladarba jidħol fis-seħħ il-Ftehim tal-2006, waqt li l-Istati Membri, kif ukoll l-Unjoni, ser ikunu jistgħu jagħmlu kontribuzzjonijiet finanzjarji volontarji għall-azzjonijiet ippjanati permezz tal-kontijiet għall-kontribuzzjonijiet volontarji tal-Organizzazzjoni.

- (8) Il-Ftehim tal-2006 għandu jiġi approvat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Ftehim Internazzjonali dwar l-Injam Tropikali tal-2006 ⁽¹⁾ ("il-Ftehim tal-2006") b'dan huwa approvat fisem l-Unjoni.

⁽¹⁾ It-test tal-Ftehim ġie ppubblikat fil-ĠU L 262, 9.10.2007, p. 8, flimkien mad-deċiżjoni dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill b'dan huwa awtorizzat biex jinnomina l-persuna/i bis-setgħa jiddepożita(w) l-istrument ta' approvazzjoni fisem l-Unjoni mas-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, skont l-Artikolu 36(2) tal-Ftehim tal-2006.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Novembru 2011.

Għall-Kunsill

Il-President

J. VINCENT-ROSTOWSKI
